**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 t'Ottubru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Domenic Savio Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Domenic Savio Micallef, iben Joseph u Frances nee' Tonna, imwieled fis-16 t'April 1968 u li joqghod 175, Casfen Crt, Flat 11, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' 215468M;

Talli fil-granet talli fil-granet ta' bejn it-28 t'Ottubru 2015 u u d-29 t'Ottubru 2015 fil-granet, xhur u hinijiet ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1) Ikkommetta reat peress li ghamel uzu minn computer b'mod mhux dovut skond il-Ligi;

2) U aktar talli fl-istess hin u cirkostanzi uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew juza, jikkopja jew jimmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

3) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra;

4) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel output ta’ xi data, software jew dokumentazjzoni ta’ appogg mill-computer li jkun qieghed jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b’kull mod iehor;

5) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ha pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kellu relazzjoni fil-passat ma’ Bradley Attard, il-parti leza f’din il-kawza. Huma kienu jghixu flimkien fir-residenza tal-imputat, u jidher li kellhom access liberu ghall-uzu ta’ computers ta’ xulxin. Ir-relazzjoni kienet spiccat, u t-tnejn infirdu minn xulxin. Xi zmien wara, fit-30 ta’ Ottubru 2015, fuq il-‘Facebook page’ ta’ Silver Falcon li kien ta’ Bradley Attard, persuna mhux maghrufa tellghet ritratt ta’ Attard ma’ ragel iehor mghannqin flimkien fis-sodda, bir-rizultat li dan ir-ritratt setghu jarawh kull min kien qed jara l-pagna imsemmija. Dan ir-ritratt ittella’ minghajr il-kunsens ta’ Attard u tar-ragel l-iehor li gie jidher fih, certu Nazzareno Borg. Sar rapport lill-Pulizija, u peress illi xi zmien qabel Attard kien ighix ma’ Micallef u kellhom access ghall-computers ta’ xulxin, Attard issuspetta fih u talab lill-Pulizija jinvestigawh. Mill-investigazzjonijiet illi saru, irrisulta li f’dawk il-jiem persuna kienet dahlet fuq is-sit in kwistjoni mill-indirizz elettroniku tal-imputat. L-imputat cahad li kien hu, izda l-Pulizija xorta akkuzatu b’dawn ir-reati u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha ebda dubju li kien l-imputat stess li tella’ r-ritratt ta’ Attard u ta’ Borg flimkien fuq is-sit ta’ Attard stess. Il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tkun taf x’setghet kienet ir-raguni ghalfejn l-imputat ghamel hekk, ghalkemm wiehed jista’ jissoponi x’kienet ir-raguni. Il-prova kardinali tinsab fir-rapport ta’ PC 1275 Matthew Sacco, mis-Cybercrime Unit tal-Pulizija. Hemm indikat car li xi hadd dahal fuq is-sit ta’ Attard minn fuq l-indirizz elettroniku tal-imputat. Dan irid jigi spjegat u gustifikat minn hadd hlief l-imputat stess, izda dan m’ghamlux. Ghalhekk il-Qorti m’ghandha ebda triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Kwantu ghall-piena, il-Qorti jkollha tistqarr li hi tistmerr hafna dawn it-tip ta’ reati, fejn persuna taghzel li taghmel hsara lil persuna ohra fuq livell personali u b’mod anonimu. Dawn it-tip ta’ kawzi huma solitament manifestazzjoni

ta' ritaljazzjoni kontra persuna li, xi zmien qabel, kienet f'relazzjoni intima ma' dak li jkun, u l-azzjoni solitament tkun wahda ta' vendikazzjoni kontra l-persuna li xi darba kien hemm relazzjoni intima maghha. Il-Qorti ma tafx x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejn Attard u l-imputat, izda l-animu ta' tpattija li wera l-imputat b'dak li ghamel huwa ferm indikattiv ta' dan. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja ghal dan ir-reat ghandha tkun dik ta' multa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 337C(1)(a), 337C(1)(b), 337C(1)(i) u 337C(1)(f), u 337F(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u qieghda ghalhekk tikkundannha ghall-piena ta' multa ta' tmint elef Ewro (€8,000.00).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**